

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetari](#) > [Tariffi Tal-qorti Dwar Il-proċedura Tal-ħlas Ewropea](#) > [Lithuania](#)

Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura tal-ħlas Ewropea

Il-kontenut ipprovdut minn
Litwanja



Litwanja

Introduzzjoni

F'każijiet li jirrigwardaw l-Ordni ta' Ħlas Ewropea huma applikabbli r-regoli dwar il-kalkolu u l-ħlas tat-taxxa tal-boll stipulati fil-paragrafi 1-3 tal-Artikolu ... tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili tar-Repubblika tal-Litwanja.

Skont ir-Riżoluzzjoni Nru 1240 tal-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja tas-27 ta' Ottubru 2011 li tapprova r-Regoli tal-kalkolu, il-ħlas, it-tpaċija u l-ħlas lura tad-dazju, dan id-dazju jista' jiġihallas b'mezzi elettroniċi wkoll.

Liema tariffi huma applikabbli?

L-ammont tat-taxxa tal-boll li jrid jiġihallas huwa speċifikat fil-paragrafu li jmiss.

Kemm se nħallas?

F'każ ta' rikors għal ordni tal-qorti, it-taxxa tal-boll tkun daqs kwart tal-ammont pagabbli għall-proċedimenti ta' litigazzjoni fil-qorti, iżda ma tistax tkun inqas minn għaxar ewro, ħlief meta persuna tkun eżentata mit-taxxa tal-boll għalkollox jew parzjalment bil-liġi jew permezz ta' deċiżjoni tal-qorti jew meta l-ħlas tat-taxxa tal-boll ikun ġie differit.

Jekk, wara li l-qorti tkun ħarġet l-ordni, id-debitur joġġezzjona u l-kreditur iressaq rikors skont il-proċedura ġenerali, issir tpaċija tat-taxxa tal-boll imsemmija aktar 'il fuq mal-ammont tat-taxxa tal-boll li għandu jiġihallas għar-rikors.

Jekk ir-rikors tal-kreditur jitqies li ma tressaqx fil-każ imsemmi fl-Artikolu 439(6) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, it-taxxa tal-boll imħallsa ma terġax titħallas lir-rikorrent.

X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi tal-qorti fil-ħin?

Flimkien mar-rikors irid ikun hemm id-dokumenti u evidenza oħra li sservi ta' bażi għat-talbiet tar-rikorrent, kif ukoll ta' evidenza li t-taxxa tal-boll tħallset.

Meta t-taxxa tal-boll ma tkunx tħallset, il-qorti toħroġ ordni li tistabbilixxi terminu adegwat għall-konformità, li ma jistax ikun iqsar minn sebat ijiem. L-ordni tintbagħat mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol li jkun imiss wara li tinħareġ.

Jekk il-parti fil-proċedimenti li tissottometti l-att proċedurali tkun ikkonformat mal-istruzzjonijiet tal-qorti u żammet mat-terminu speċifikat, l-att proċedurali jitqies li ġie sottomess dakinhar li tressaq quddiem il-qorti. Inkella, l-att proċedurali jitqies li ma ġiex sottomess u, fi żmien mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol minn tmiem it-terminu għall-konformità, l-imħallef joħroġ ordni biex l-att proċedurali, flimkien ma' kwalunkwe dokument ta' akkumpanjament, jiġu rritornati lill-persuna li tkun ressqithom.

Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qorti?

It-taxxa tal-boll titħallas lill-kont tad-dħul baġitarju tal-Ispettorat tat-Taxxa tal-Istat taħt il-Ministeru tal-Finanzi bil-mod magħżul mill-persuna inkwistjoni (e-banking, ħlas bi flus, trasferiment bankarju, eċċ.).

X'għandi nagħmel wara l-ħlas?

L-evidenza tal-ħlas tal-pagament tat-taxxa tal-boll tingħata permezz tal-ordni ta' ħlas jew dokument ieħor li jikkonferma l-ħlas, li jrid ikun fih dawn id-dettalji li ġejjin:

1. isem, kunjom u n-numru tal-ID personali tal-pagatur (għall-persuni ġuridiċi: l-isem u n-numru tal-ID korporattiv);
2. isem, kunjom u n-numru tal-ID personali tal-parti l-oħra (il-konvenut, id-debitur, eċċ.) (għall-persuni ġuridiċi: isem u n-numru tal-ID korporattiv);
3. id-data tal-ħlas;
4. il-kodiċi tal-ħlas;
5. l-ammont imħallas;
6. l-iskop tal-ħlas (indikar bħala "taxxa tal-boll", u l-isem tal-qorti fejn qed jinbdeu il-proċedimenti)

Meta taxxa tal-boll titħallas minn rappreżentant tal-partit fil-proċedimenti (avukat, assistent legali jew persuna oħra li tirrappreżenta l-interessi tal-parti), l-ordni ta' ħlas jew xi dokument ieħor li jikkonferma l-ħlas, għandhom, appartati d-data msemmija hawn fuq, jinkludu l-isem, il-kunjom u n-numru tal-ID personali (għall-persuni ġuridiċi: l-isem u n-numru tal-ID korporattiv) tal-parti rappreżentata.

Jekk it-taxxa tal-boll titħallas permezz ta' mezzi elettroniċi, mhu meħtieġ l-ebda dokument biex jikkonferma l-ħlas tat-taxxa tal-boll.

L-aħħar aġġornament: 23/02/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.